## 31 ta' Jannar, 1994

**Imħallfin:-**

**S.T.O.Prof. Guseppe Mifsud Bonniċi LL.D. – President.**
**Onor Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor Noel V. Arrigo LL.D.**

Victor Tonna *pro et noe*

*versus*

Avukat Dottor Joseph Brincat *et*

## Relazzjoni Avukat - Klijent

*Ir-relazzjoni bejn avukat jew prokuratur legali u klient hija essenzjalment ibbażata fuq il-mandat.*

*Normalment wara l-mewt tal-klijent l-eredi jkomplu fl-istess triq ta' l-awtur tagħhom u allura jagħtu mandat ġdid lill-konsulent legali ta' l-istess awtur tagħhom. Jistgħu l-eredi ma jikkonċedux dan il-mandat però bħala eredi ikollhom l-obbligu li jissodisfaw id-debitu versus dawk il-madatarji li l-mandat tagħhom ikun spiċċa bil-mewt tal-mandant.*

*Fil-każ preżenti, immedjamtament wara l-mewt ta' ommhom l-atturi irrinunżjaw għall-erdità tagħha u allura ma jistgħux jiġu ritenuti debituri għaliex mhumiex eredi.*

Il-Qorti:-

1. Din iċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata direttament f'din il-

Qorti li kienet awtorizzat il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru – numru 6/93 – kontra l-atturi favur il-konvenuti. L-ammont sedwestrat kien jirrappreżenta l-ispejjeż u d-drittijiet professjonali tal-konvenuti li kienu ippatroċinaw lill Amelia Borg fil-kawża, eventwalment deċiża minn din il-Qorti, fl-ismijiet Spiridione Cauchi vs. Amelia Borg et;

Amelia Boeg kienet omm l-atturi. Mietet fis-27 ta' Awissu, 1985, u l-atturi rrinunzjaw għall-erdità tagħha fis-17 ta' Settembru, 1985, u allura l-atturi talbu dikjarazzjoni li huma m'humiex debituri tal-konvenuti għal dawk id-drittijiet u spejjeż u konsegwentement ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru;

2. Il-konvenuti *fin-nota ta' eċċezzjoniet tagħhom* esponew illi (a) id-dikjarazzjoni mitluba kellha tiġi proposta fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u mhux f'din il-Qorti; (b) ir-rinunzja għall-eredità kienet biss formali u mhux *sostanzjazli*, iddettata mill-esiġenza tal-każ, minħabba l-konsegwenzi serjissimi, fil-konfront tagħhom, *fl-eventwalità li s-sentenza kontra Amelia Borg kellha tiġi* kkonfermata minn din il-Qorti; u (c) ir-rinunzja hija, komunkwe rrilevanti, għaliex l-inkargu li huma kellhom ma kienx ġie rrevokat u għalhekk l-atturi kienu obbligati " *ex contractu*";

3. L-ewwel eċċezzjoni fiha, almenu in parte, element ta' preċiżjoni. Dik li l-atturi indikaw bħala l-ewwel domanda tagħhom hija proprjament kawżali neċessarja għad-domanda tar-revoka tal-mandat, *liema revoka l-oġġett jew il-materja prinċipali* tal-kawża;

4. Ir-relazzjoni bejn avukat jew prokuratur legali u l-klijent hija essenzjalment ibbażata fuq il-mandat. Il-mandat li Amelia Borg tat lill-avukat dottor Joseph Brincat u l-prokuratiċi legali

Carmen Depasquale spiċċa bil-mewt tal-mandant art.1886(b) Kap.16. Dan kien fis-27 ta' Awissu, 1985, jiġiefieri kawżi seba' snin qabel ma ġiet deċiża l-kawża Cauchi vs Borg et. minn din il-Qorti;

Normalment, wara l-mewt ta' klijent, l-eredi jkomplu fl-istess triq ta' l-awtur tagħhom u allura jagħtu mandat ġdid lill-konsulenti legali ta' l-istess awtur tagħhom. Jistgħu l-eredi jkollhom l-obbligu li jissodifaw id-debitu versau dawk il-mandatarji li l-mandat tagħhom ikun spiċċa bil-mewt tal-mandant;

5. Fil-każ preżenti, immedjatament wara l-mewt ta' Amelia Borg, l-atturi rrinunzjaw għall-eredità tagħha allura ma jistgħux jiġu ritenuti debituri għaliex mhumiex eredi;

Meta l-konvenuti jippretendu li r-rinunzja għall-eredità kienet formali imma mhux sostanzjali, dan ifisser li l-atturi in realtà wirtu lil ommhom u għamlu atti tali li jindikaw l-aċċettazzjoni. Imma ħaġa bħal din, naturalment, trid tiġi ppruvata, mentri fuq daqshekk, il-konvenuti ma pproduċew xejn;

6. Il-konvenuti finalment, fit-tlielet eċċezzjoni jgħidu illi, però, il-kwistjoni tar-rinunzja mhix importanti għaliex l-atturi tawhom mandat ġdid;

Dan il-mandat ġdid, l-aktar li jistgħu jippretendu l-kovenuti, kien wieħed li ġie kkonferit taċitament: art. 1857(2) Kap.16. Naturalment, il-prova ta' dan il-kuntratt taċitu tispetta lill-konvenuti li qed jallgawh – art.539 Kap.12 – u dan il-kwalità ta' kuntratt irid jirriżulta minn atti li jindikaw pożittivament jew, anki negattivament, il-presenza ta' l-elementi kollha neċessarji

tal-kuntratt partikolari; liema indikazzjonijiet ikunu, almenu kumulattivament, passibbli ta' interpretazzjoni neċessarja jekk mhux univoka;

7. Hawnhekk però, il-ftit provi li saru huma jew f'sens kuntrarju, jew f'sens *negattiv*;

*Omissis;*

Għal dawn ir-raġunijiet, l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti huma nsostanzjalment miċħuda u l-mandant ta' sekwestru numru 6 ta' l-1993 maħruġ minn din il-Qorti kontra l-atturi huwa rrevokat;

L-ispejjeż ta' l-ewwel domanda għandhom ibatuhom l-atturi, waqt li l-bqija għandhom ibatuhom il-konvenuti.